MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1851/2004

**Cutrico Services Ltd**

**Vs**

**Stephen Azzopardi**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Ottubru 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm405.91 (erba` mija u hames Liri Maltin u wiehed u disghin centezmu) rapprezentanti hlas ta' spejjez ta' seminar.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` attrici titlob illi dan it-Tribunal:

1. Jiddikjara illi l-konvneut debitur tas-socjeta` attrici a tenur tal-klawsola 7:111 tal-kuntratt ta' impieg datat 21 ta' Mejju 2001 kopja annessa bhala Dok A billi:

- huwa stess ittermina l-impjieg tieghu mas-socjeta` attrici
- u fit-tnax il-xahar qabel tali terminazzjoni huwa kien intbaghat a spejjez tas-socjeta` attrici ghal seminar f'Milan li beda fis-26 ta' Marzu 2004;

2. u konsegwentement tikkundanna u tordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' erba mija u hames Liri Maltin u wiehed u disghin centezmu Lm405.91 rapprezentanti il-hlas tal-ispejjez ta' l-imsemmi seminar, titjira u akkomodazzjoni kif spjegat fl-annessa kopja Dok B.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici (stante li huwa ma attenda ebda course gewwa Milan u dawn kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-perit krucjali li jrid jigi deciz huwa jekk is-seminar li ghalih attenda l-konvenut, f' Milan, l-Italja jaqax fil-parametri tal-Artikoli 2(a) u 7 (iii) tal-kuntratt tal-impjieg dana apparti l-fatt jekk klawsoli punittivi ta' din in-natura jikkonfigurawx fit-termini tal-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali.

Datum non concesso, il-konvent ta’ spjegazzjoni ta’ xiex jikkonsisti l-famuz seminar. Huwa ekwivalenti ghal ‘course’? Bejn ‘seminar’ u ‘course’ tezizti differenza zgur. L-involviment u essengjori huwa aktar giustifikattiv f’kors milli f’seminar. Min jallega jrid jipprova. Stante li s-socjeta` attrici naqset li tipprova li dak li attenda ghalih kien kors u mhux semplici seminar. Jirrizulta in punctorum temporis li l-konvenut gia kien irrileva din il-kwistjoni a tempo vergine. Il-principal ma kienx tah risposta definittiva.

Jiddeciedi billi filwaqt li jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------